# MALTA

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

# ĠUDIKATUR
# DR. ANNA MALLIA

**Seduta tal-24 ta' Frar, 2017**

**Talba numru: 252/2016 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 47**

**Big Exhibits Limited (C43597)**

**MRA048C Marsa Industrial Estate**

**Marsa MRS3000**

**Vs**

**Lighthouse Communications Limited (C21425)**

**16, Triq Marku Falzun,**

**Birkirkara**

It-Tribunal

Ra l-**Avviż tat-talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fis-07 ta' Lulju 2016 , illi permezz tiegħu s-Soċjeta` attriċi talbet il-ħlas mingħand s-Socjeta' konvenuta tas-somma ta' tlett

elef sitt mija sebgha u sebghin ewro u tlieta u hamsin centezmu (€3,677.53c) bilanc ta' somma akbar, liema ammont huwa in konnessjoni ma' servizzi rezi u prodotti mibjughin u konsejati lis-Socjeta' konvenuta fuq inkarigu tal-istess Socjeta' konvenuta.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm is-Socjeta' konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hija ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-Soċjeta` attriċi u l-fatt li hadd mis-Socjeta' konvenuta deher biex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lis-Socjeta konvenuta thallas lis-Soċjeta` attriċi s-somma ta' tlett elef, sitt mija, sebgha u sebghin ewro u tlieta u hamsin centezmu (€3,677.53c) bl-imgħax legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) dekorribbli mid-data ta' meta dan l-ammont sar dovut sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inkluż ta' kwalsiasi ittra uffiċjali u mandat fl-ismijiet premessi relatati mal-ammont mitlub f'dan il-kawża, huma a kariku tas-Socjeta' konvenuta.

**Av. Anna Mallia**
**Gudikatur**